# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
Il-Ħadd 7 u 21 ta' April 2002 fil-5.30p.m.
Il-Ħadd 5 u 19 ta' Mejju 2002 fis-6.00p.m.
Il-Ħadd 2 u 16 ta' Ġunju 2002 fis-6.30p.m.
Il-Ħadd 7 u 21 ta' Lulju 2002 fis-6.30p.m.
Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
Il-laqgħa tal-5 ta' Mejju 2002 li taħbat f'għeluq is-16-il sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, c/o 16, Triq San Ġakbu, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: http://www.elanguest.com/girgenti/

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 50 APRIL 2002 JITQASSAM BLA ĦLAS



## Ġuża Mifsud waqt il-laqgħa ta' April 1989

Waqt il-laqgħa ta' April 1989, Ġuża qalet, "Issa jiena għandi xi ħaġa mill-Mulej irrid nagħmilha... Naħseb li ħa titfgħuli ħafna tadam u bajd illejla. Imma jiena ma jiena ħa nibża' minn ħadd u dak li jrid il-Mulej minni ħa nagħmlu... Ġesù qalli, 'Meta titla' hemm fuq irridek tintrabat bil-ħbula... Tgħid xejn qabel titla' hemm fuq. Uri ruħek li inti marbuta miegħi u la tibżax.'... Rajtha bi tqila illi nidher quddiem in-nies qisni maskarata, imma... għall-Mulej kapaċi nagħmel kollox għax il-Mulej qalli li ra qalb kbira fija..."

Imbagħad Ġuża ntrabtet. Hi libset ħabel madwar rasha u dawret ħabel ieħor ma' qaddha. Dan il-ħabel fit-tarf tiegħu kellu kurċifiss żgħir li dendlitu fuq sidirha n-naħa tax-xellug. B'ħabel ieħor intrabtulha jdejha wara daharha. Wara xi ħin li kien ilha hekk marbuta ħallet idejha, ħadet il-kurċifiss il-kbir li kien ittella' dakinhar u qalet, "Issa ngħannaq is-salib. Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, Alla ta' Ġakobb... ħenn għalina, Mulej ħenn għalina. Infaħħrek Mulej, għax int kbir. Mulej, infaħħrek għan-nom ta' dawn ħuti kollha."

Dwar il-kurċifiss li dendlet fuq sidirha qalet li Ġesù qalilha, "Is-salib għamlu hemmhekk... għax kien hemm wieħed... u dan daħħalli l-lanza proprju f'qalbi... u dak il-ħin niżlu xi qtar ta' ilma u demm."

Waqt li uriet l-inkwadru tad-Duluri lill-folla, qalet, "Madonna, itlob għalina lill-Mulej biex ma jitfgħalna l-ebda kastig f'Malta, lanqas f'Għawdex u jekk jista' jkun imkien.

*Adoremus te, Christe, et benedicimus tibi, quia per Crucem tuam redemisti mundum.* Ġesù, batejt, Ġesù, irbaħt, Ġesù qlajtilna l-Glorja tal-ftuħ tal-bieb tal-Ġenna, għall-eternità, għal dawk kollha li jużawk, iħobbuk u jistqarruk bil-fidi..."

## Is-Salib tal-Girgenti – Għaxar snin ilu

Fil-laqgħa ta' Mejju 1992 tbierek salib kbir fil-Girgenti fejn isiru l-laqgħat ta' talb. Ġuża qalet li l-Madonna kienet qaltilha, "F'dawk l-inħawi tal-Girgenti, jiena rrid ukoll li jkun hemm l-għuda tas-salib fejni biex id-dinja tkun taf li dak qiegħed fejni bħala rahan ta' fidwa, mhux biss għal-gżejjer ta' Malta u Għawdex tagħkom, imma għad-dinja kollha... Dana għidulhom fix-xahar ta' Mejju, f'dik il-laqgħa illi, jekk Alla jrid, jiena ħa ngagħalek illi titla', għaliex il-Mulej ħa jgħinek u jagħtik saħħtek biex inti tkun tista' tippreżenta dan l-att hekk sabiħ għall-fidi ta' l-art ta' Malta u Għawdex u għall-fidi ta' 'l barra mill-art tagħkom...

Dan is-Salib għandu jservi bħala mezz ta' paċi biex jgħaqqad id-dinja kollha ma' Malta, għax jekk intom f'Malta turu l-vera qawwa tal-fidi tagħkom, minn Malta tista' tibda l-paċi. Ħejju ruħkom għal ħafna talb, dawk li ma jistgħux jagħmlu mortifikazzjoni jew penitenza ma jimpurtax, jitolbu lill-Mulej, jitolbu lill-qaddisin li hemm fis-sema biex dawna b'mod speċjali jgħinukom għall-bqija tal-pajjiż tagħkom, għall-futur ta' Malta u għall bqija tad-dinja biex dina l-paċi tkun tista' tibda ssaltan minn artkom għal artijiet oħra.

Issa itla' ippreżentah inti dan is-salib u għidilhom li fejn din l-istatwa l-Madonna trid ukoll li jkun hemm l-għuda tas-salib li fuqu ssammar Kristu Ġesù għas-salvazzjoni ta' l-umanità kollha tad-dinja, ta' kemm kien hawn nies sa issa, tan-nofs, tal-preżent u ta' dawk illi jridu jiġu. Għid bih li dan is-salib irid iġib il-paċi bħalma darba ġabet il-paċi Santa Elena, meta ħaffret għal dawk it-tliet slaleb u minnhom instab is-Salib ta' Ġesù, u hekk ħa jiġri f'Malta tagħkom. Din in-naqra art ta' Malta



tagħkom, żgħira kemm hi żgħira, tant hija prezzjuża quddiem Alla. Għalhekk Alla jrid u qed jaħseb ħafna għall-paċi f'nofskom għax mill-art tagħkom trid tibda ssaltan il-paċi. Issa dana li jiddependi minn nies li huma ta' rieda ħafna tajba u mill-bqija li huma ta' rieda hekk ħażina."

## Ġuża Mifsud u l-Ewkaristija

Kien fit-2 ta' Ġunju 1988 li l-messaġġi li Ġuża kienet tgħid li tirċievi mis-sema ħadu żvolta oħra. Ġuża tirrakkonta li dakinhar kellha saċerdot għandha iqaddsilha quddiesa u tgħid li meta wasal fil-ħin tal-konsagrazzjoni hi lemħet affarijiet kbar fl-Ostja u lis-saċerdot qaltlu, "Father, jekk jogħġbok żommha ftit dik l-Ostja għax f'dik l-Ostja jiena qed nara xi ħaġa l-aktar kbira, qegħda nara lil Ġesù qiegħed ibati, qiegħed ibati ħafna... Jiena rajt lil Ġesù inkurunat bix-xewk u dmija ma' wiċċu u smajtu jgħidli, '...tant qed nirċievi disprezzi u nirċievi affarijiet ħżiena minn dawk in-nies li qegħdin jirċevuni ħażin, u l-aktar minn dawk li jidgħu bl-Ostja... Jiena tajtu tant imħabba lil bniedem u issa ħafna bnedmin li huma b'qalbhom niexfa, qalbhom ta' l-azzar, iebsa, jgħidu kontra l-Ewkaristija, tqarbin ħazin bl-addoċċ u rigward anke rrid insemmilek dak it-tqarbin bl-idejn, dawk l-idejn li jkunu idejn sagrilegi... għax għal idejhom jiġi kollox, anka joqtlu lil ħuthom. Dik l-ostja li jtihom is-saċerdot f'idejhom qegħdin jużawha wkoll għall-quddiesa s-sewda, għall-quddiesa tax-xitan, li jinqeda biha x-xitan, li tant qegħda ssir ħsara kbira fid-dinja rigward iż-żgħażagħ. Nixtieqek ħafna li tqajjem ħafna devozzjoni kbira lejn din il-ġrajja kbira li saret ġo din id-dar fqira fejn ta' sikwit ikollok kuntatt ma' Ommi u ma' Ommok illi hija l-Madonna. Il-Mulej u Jien tant inħobbuha din il-krejatura hekk nobbli u li inti akkost ta' kollox tant urejt kuraġġ kbir fuqek u ma tibża' minn ħadd biex inti dan il-messaġġ tagħtih kif qegħda twasslu lilek il-Madonna skond kif jgħidilha l-Mulej u Jien... u issa ma' dan ix-xogħol li inti użak Alla permezz ta' Ommi Marija Santissima kompli għamlu mieghi, fl-Ostja Mqaddsa, ma' l-Ostja Divina..."

Ġuża kienet inkwetata ħafna għax beżgħet li ma hix ser tkun kapaċi taqdi dmirijietha lejn l-Ewkaristija, iżda l-fatti wrew xort'oħra. Sa dakinhar kienet spiss issemmi l-kobor ta' l-Ewkaristija iżda minn dakinhar 'il quddiem tista' tgħid li l-Ewkaristija kienet il-qofol ta' kull messaġġ li wasslet u min kien ikun preżenti għal-laqgħat fil-Girgenti żgur li jiftakar b'liema ħeġġa, ħlewwa u mħabba kienet titkellem dwar dan is-sagrament hekk kbir.

Intant f'messaġġ li ħejjiet għal-laqgħa ta' Ġunju 1988 Ġuża qalet hekk: "Il-Madonna qaltli: 'U għaliex kull bniedem Malti u Għawdxi ma jiħux b'kurrent lil Ġesù ta' l-Ewkaristija u jekk jista' jkun jitqarben kuljum biex iżomm dejjem ruħu fil-grazzja t'Alla?'... Niftakru ħafna f'dan ix-xahar ta' Ġunju fl-imqaddsa

Ewkaristija, kemm għandna veru nkunu ħafna attivi, ikollna ħafna mħabba lejn il-bejta qaddisa u sabiħa ta' Ġesù ta' l-Ewkaristija. Din il-bejta hija t-tabernaklu mqaddes ta' Ġesù sagramentat fl-Ewkaristija mqaddsa.

Ħuti l-aktar għeżiez, inkunu ħafna u ħafna indaf, inkunu nies li nżommu ilsienna nadif, moħħna qaddis biex naħsbu aktar fuq Ġesù li tant ħabbna fl-Ewkaristija, jiġifieri illi qabel ma nitqarbnu rridu naraw li ma noboghdu lil ħadd, inħobbu lil kulħadd minn qalbna u ma teżistix iżjed f'pajjiżna din il-qerda ta' mibegħda li għandna, li qegħda ġgagħalna mmorru lura minflok 'il quddiem fil-ħajja spiritwali, fil-ħajja tar-ruħ.

Il-Madonna trid illi: "Meta nidħlu fil-knisja ma jkunx hemm dak it-tpaċpiċ quddiem Ġesù li jkun qiegħed jarana u jismagħna, għandna nġibu quddiem għajnejna li fit-tabernaklu hemm Ġesù ħaj f'dik l-Ostja mqaddsa u divina." Trid il-Madonna li meta nkunu għaddejjin qrib xi artal nagħmlu ġenoflessjoni lil Ġesù li qiegħed b'tant imħabba fit-tabernakli tagħna tal-gżejjer żgħar tagħna ta' Malta u Għawdex, meqjum għal imħabbitna.

Trid il-Madonna illi f'dan ix-xahar ta' Ġunju u x-xhur l-oħra ta' wara x-xahar ta' Ġunju li niftakru fil-Qalb imqaddsa, fil-Qalb illi kienet tant imnikkta fuq is-salib illi ħadet dik il-passjoni u l-mewt hekk kiefra għall-umanità, għall-bnedmin tad-dinja kollha. Napprezzawha din l-imħabba ta' Kristu l-feddej tagħna. L-Ewkaristija m'għandniex nirċevuha biss kull tmint ijiem jew fix-xahar ta' Ġunju, imma nkunu ħafna u ħafna kuraġġużi biex jekk jista' jkun lil Ġesù ta' l-Ewkaristija... nirċevuh fix-xhur kollha tas-sena.

Il-Madonna trid illi nkunu nies Ewkaristiċi, li nirċievu l-Ewkaristija ... biex fina tispikka dik l-imħabba vera li jrid minna l-Mulej permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu, illi bagħatu fid-dinja għall-imħabba tagħna. U l-Ewkaristija għandna nħobbuha u nġibuha quddiem għajnejna kull ħin u kull mument. Kull ħin għandna nġibu quddiem għajnejna illi aħna lill-Mulej u Ġesù ta' l-Ewkaristija ninsabu magħhom magħqudin bl-imħabba, mhux biss f'ħin it-tqarbin, imma kull ħin u kull mument, matul il-ġurnata kemm fit-tbatija tagħna, kemm fix-xogħol tagħna, kemm fid-dwejjaq tagħna, kemm fin-niket tagħna, kemm fil-mard tagħna, kemm fl-intoppi tagħna, kemm f'dak kollu li jinqala' matul il-jum, matul il-ġimgħa, matul ix-xahar u matul is-sena kollha."

F'messaġġ irrekordjat minn Ġuża fl-24 ta' Ġunju 1994 hija qalet, "Illum jiena kelli viżjoni kbira ħafna fuq Ġesù ta' l-Ewkaristija li m'għandhiex x'taqsam ma'l-affarijiet tad-dinja u ta' l-art għax jiena rajt lil Ġesù ta' l-Ewkaristija u ħafna anġli sbieħ jagħtuh adorazzjoni bl-inċens f'idhom. Araw x'imħabba kbira għandu jkollna lejn l-Ewkaristija.

Rajt kwantità, eluf ta' anġli jaduraw b'wiċċhom fl-art, jagħtu qima lil Ġesù ta' l-Ewkaristija. L-ilbies ma ngħidilkomx kif kien. Min kien liebes l-abjad, min kien liebes kulur aħdar sabiħ, sabiħ ħafna, min kien liebes kulur ħafna sabiħ ċelesti, min kien liebes kuluri ċari fir-roża, zgħażagħ divini.

Ngħidilkom li l-ġebel immermer li għandi fid-dar sarli kollu affarijiet immensi sbieħ. Fil-ħin tal-viżjoni l-ġebel ma narahx immermer, narah ileqq, kullimkien ikolli d-dawl, kullimkien ikolli d-dija, kullimkien rajt ħafna raġġi dal-lejl, raġġi ta' fided sbieħ imma dawk kienu neżlin mis-sema. Illum rajtha speċjali l-Ewkaristija... għax illum rajt ħafna żgħażagħ divini, minn tal-belt imqaddsa t'Alla jagħtu l-qima kif għandhom jagħtu lill-Mulej Ġesù fl-Ewkaristija: b'dak l-inċens f'idejhom, b'dik ir-ras baxxuta għarkobbtejhom, b'dak il-ġisem divin tagħhom li qegħdin jaduraw lil Ġesù ta' l-Ewkaristija..."

Iżda barra viżjonijiet hekk sbieħ, Ġuża kienet tgħid li kien ikollha wkoll viżjonijiet koroh fejn fihom kienet tara d-disprezzi li tirċievi l-Ewkaristija. Filfatt f'ħafna diskorsi minn tagħha kienet tikkundanna bil-kbir il-quddiesa s-sewda. Fil-laqgħa tat-13 ta'Novembru 1991, Ġuża qalet li sejħet din il-laqgħa: "sabiex inpattu għal dak l-att makabru (quddiesa s-sewda) li ha jsir fil-gżejjer tagħna u erba' bnadi oħra tad-dinja... Huwa gwaj għalina, maħbubin ħuti, li fostna l-Maltin qegħda ssir din l-ereżija kontra l-Ewkaristija... Kemm għamel magħna Ġesù ta' l-Ewkaristija, ħalla l-glorja ta' Missieru, ħa passjoni bħal dik għalina biex ippreparalna post fis-sema u mbagħad hawn x'uħud minna l-bnedmin illi jagħtu mill-ġdid il-passjoni lit-twajjeb Ġesù.

... mhux jien waħdi għandi nkun li niddefendiha lil Malta tagħna minn dan is-sataniżmu, minn dawn in-nies imxajtna, minn dan ix-xitan li minn ġo l-Infern qed jaqla' ħafna ħażen, mhux f'Malta tagħna biss tafux imma fid-dinja kollha. Imma issa aħna li qegħdin ġo Malta u qegħdin naraw dawn l-affarijiet makabri, għandna nagħmlu l-kuraġġ, inkunu lkoll gwerriera qalbiena ta' Ġesù ta' l-Ewkaristija u nxejnu dawn l-affarijiet ħziena tad-dimonju...

Jiddispjaċini ngħid li anke minn Malta tagħna qegħdin jidħlu f'dawn l-abbużi moqżieża, makabri u koroh. Qegħdin idaħħlu l-Ewkaristija f'dawn l-affarijiet, lanqas irrid insemmihom, tistmerrhom tgħidhom. Tisthi tgħidhom għax hemm ġew isiru affarijiet veru jqażżuk, imarduk... Jiena kelli viżjoni fuq dil-biċċa xogħol, tathieli s-Sinjura tal-Ħajja, lanqas irrid insemmi kemm isiru affarijiet koroh."

F'messaġġ ieħor qalet hekk, "is-Sagrament tat-Tqarbin għandu jieħu kull rispett u mhux ikun Tqarbin ta' kif ġie ġie. Għandu jkun Tqarbin li min jitqarben ikun jista' jirċievi ħafna u ħafna frott spiritwali, ħafna frott ta' tpattija għal dnubietu, ta' tpattija għad-dnubiet ta' ħutu li qegħdin jgħixu mingħajr Alla, qegħdin jgħixu 'l bogħod minn Alla, qegħdin jgħixu 'l bogħod mit-twemmin li għallem is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu meta kien fid-dinja."

Jalla aħna bħal Ġuża jirnexxilna ngħidu: "Ġesù ta' l-Ewkaristija għalija huwa l-ħajja, kull ċaqliqa li nagħmel. Jiena ma ngħidx li Ġesù ta' l-Ewkaristija huwa l-prinċep tal-paċi tad-dinja biss, imma anka l-prinċep tiegħi innifsi, il-prinċep ta' l-imħabba, il-prinċep tal-paċi li nżomm il-paċi u l-kwiet fija nnifsi..."

# GRAZZJI MAQLUGHA

**N.N. mill-Għasri, Għawdex** jixtiequ jirringrazzjaw lil Alla għall-grazzja li qalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, Girgenti, u ta' Ġuża Mifsud.

**N.N. minn Għajnsielem, Għawdex** kiteb li għamel test tal-prostata għax beża' li kellu *cancer*, iżda bl-interċessjoni tal-Madonna, ir-riżultat wera mod ieħor.

**F. Agius minn B'Bugia** tirringrazzja lil Alla għaliex bl-interċessjoni tal-Madonna ħadet riżultat mediku tajjeb fejn irriżulta li ma kellhiex *cancer* f'sidirha.

**N.N. minn Victoria Għawdex** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.

**J. Vella mill-Imqabba kitbet hekk:** Nhar it-23 ta' Ottubru 2001, it-tifel tiegħi Jan tah attakk qawwi ta' l-ażma. Ħadnieh l-isptar u minn dakinhar beda jqum kull filgħaxija b'attakk ta' paniku qawwi. It-tifel qatt ma kien ikun jaf x'inhu jsir. Ħadtu għand il-professuri u psikjatra li anka pinnoli tah, iżda t-tifel baqa' l-istess.

Nhar is-6 ta' Jannar 2002 ġejt il-Girgenti wara li ħafna nies kien ilhom jgħiduli biex niġi. Minn dakinhar it-tifel tiegħi Jan beda jmur tajjeb u sallum 20 ta' Jannar 2002 kullma qam it-tifel kienu darbtejn biss.

Jiena nixtieq ngħid li ma kont nemmen f'xejn però issa sirt naħsibha mod ieħor u nispera li l-Madonna tkompli tgħin lit-tifel tiegħi f'dak kollu li għandu bżonn.

Grazzi Madonna tal-Girgenti u nixtieq ngħid ukoll li fejn ikun hemm il-fidi fil-Madonna kollox jista' jsir.

**Il-familja Gatt tirrakkonta dan il-każ li ġara ħdax-il-sena qabel:** "Aħna kulħadd kien jgħidlina li tfal għalina huma problema. Il-mara operata, għandha *tube* maqtugħ għax kellha ċesta u l-ieħor magħluq tant li meta wara l-operazzjoni l-Professur Bonello ipprova jitfa' xi *dye* dan ma għaddiex.

Nhar ta' Ħadd kont nitla' l-Girgenti nitlob, iżda qatt ma kont nitlob għalija, kont nitlob għaż-żiju tal-mara li kellu l-istess problema. Jien ma kontx nitlob għalija għax kont aċċettajt li ma jistax ikollna tfal. Iżda darba rajt lil mara qisha ħa tibki peress li kont qed nitlob għal ħaddieħor li kellu l-istess problema u x'ħin rajt lil mara qisha ħa tibki jiena ħassejt li għandi nitlob għalina wkoll.

Filfrattemp konna bqajna mmorru għand it-tobba għaċ-*checkups*, iżda l-unika ċans li kellna skond il-Professur Brincat kien ta' *test-tube baby*. Kellimt lil Fr. Gaetano dwar din il-problema u dan bagħtni għand Dun Manwel il-Qrendi li qalilna safejn nistgħu naslu. Id-deċiżjoni xorta ħallieha f'idejna u l-Professur kien qed jistenna r-risposta tagħna.

Iżda minn dan kollu ma għamilna xejn għax il-mara ħarġet tqiela mingħajr ma kien hemm ebda intervent mit-tobba.

Ġara li l-Ħadd ta' wara li jiena tlabt lill-Madonna għalina, jiena ma stajtx immur il-Girgenti, minfloki mar ħija li kellu t-tifel tiegħu miegħu. It-tifel ried jitla' ħdejn Ġuża u meta kien ħdejha, Ġuża daret fuq ħija u qaltu, 'Inti għandek ħuk Charlie, sellili għalih.' Dana Ġuża qalitu mingħajr ma lili kienet tafni għaliex għalkemm jiena kont nitla' l-Girgenti qatt ma mort fuqha u għidtilha li jien jisimni Charlie.

It-Tnejn filgħodu l-mara qaltli li kienet ser tagħmel it-test sabiex tara hix tqila. Jien kemm ma dawwartx rasi u bdejt nidħak għax kont naf bil-problema tagħna, mhux għax ma nemminx li Alla jista' kollox għax jien ċert li dak li ġara ġara minn Alla, imma għal dak il-mument jiena hekk ħsibt.

Il-mara qaltli li kienet tqila. Għidtilha biex terġa' tagħmel it-test u qaltli l-istess. Għidtilha, 'Mela llejla ninżlu għand ommok u għand ommi u ngħidulhom.' Morna għand ommha għidnilha u bqajna sejrin għand ommi. Hemmhekk insib lil ħija li kien qiegħed hemm sabiex jgħidli li Ġuża kienet selliet għalija u jiena kont mort biex ngħidilhom li l-mara tqila.

Wara mort kellimt lil Ġuża biex nirringrazzjaha u hi qaltli biex dawn l-affarijiet ngħiduhom. Minbarra dan it-tifel, kellna żewġt itfal oħra u *miscarriage*.

Jiena għalija din hija grazzja u t-tifel il-kbir illum ħa jagħlaq għaxar snin."

---

## Santa ta' Ġuża Mifsud

Dawn l-aħħar xhur bdew jitqassmu santi li fihom hemm bijografija qasira dwar Ġuża Mifsud, talba lil Alla sabiex jinqalgħu grazzji bl-interċessjoni ta' Ommna Marija Santissima u ta' Ġuża u t-talba l-qasira tal-Konsagrazzjoni.

Dawn is-santi jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi wieħed jikteb lis-Segretarja, c/o 16, Triq San Ġakbu, s-Siġġiewi.

## Talba

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li nżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*